



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10942/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0230(NLE)

RECH 360
COMPET 565
IND 206
EDUC 259

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 407 final
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 407 final.

Mehmuż: COM(2021) 407 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2021
COM(2021) 407 final

2021/0230 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Għalkemm l-evidenza mill-20 sena ta' implimentazzjoni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) turi li ż-ŻER kkontribwiet għal kisbiet ewlenin f'oqsma bħall-infrastrutturi tar-riċerka, ix-xjenza miftuħa, il-kooperazzjoni internazzjonali, il-bilanċ bejn il-ġeneri fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-programmazzjoni konġunta u l-mobilità tar-riċerkaturi, hemm aktar xi jsir.

Fit-30 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (COM(2020) 628 final), sabiex tistabbilixxi Żona Ewropea tar-Riċerka ġdida adattata biex twettaq l-ambizzjoni għal tranżizzjoni b'suċċess għal Ewropa sostenibbli, diġitali u reżiljenti u ħalli tħejji aħjar għall-ġejjieni.

Il-Komunikazzjoni tal-2020 tappella għall-¹ approfondiment taż-ŻER, billi timxi mill-koordinazzjoni ta' politiki nazzjonali għal integrazzjoni aktar profonda ta' dawn il-politiki. Tappella għall-mobilizzazzjoni tal-Istati Membri madwar prinċipji u valuri ewlenin u biex jidentifikaw oqsma ta' prijorità għal azzjoni konġunta. Dan huwa rilevanti fi żmien meta huma meħtieġa finanzjamenti u riformi nazzjonali miżjuda u aktar iffukati, partikolarment fid-dawl tal-pandemija, sabiex iħaffu t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma fil-bieċa l-kbira kompetenzi nazzjonali u għaldaqstant, il-bini ta' Żona Ewropea tar-Riċerka jiddependi ħafna fuq ir-riformi tal-politika nazzjonali u fuq l-inizjattivi nazzjonali. Il-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa jistabbilixxi valuri u prinċipji maqbula b'mod komuni u jidentifika l-oqsma fejn l-Istati Membri se jiżviluppaw flimkien azzjonijiet ta' prijorità, billi jappoġġaw b'dan il-mod l-implimentazzjoni tal-viżjoni u l-oġettivi taż-ŻER il-ġdida.

Sabiex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-politiki nazzjonali taż-ŻER, dan il-patt huwa mibni fuq (i) prinċipji u valuri komuni tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I); (ii) oqsma ta' prijorità kondiviżi għall-azzjoni; (iii) investimenti u riformi mwettqa permezz ta' miri volontarji maqbula b'mod komuni; u (iv) koordinazzjoni ta' politika u proċess ta' monitoraġġ simplifikati. Dawn kollha flimkien f'att legali wieħed se jafferma mill-ġdid l-impenn politiku tal-Istati Membri biex jimmobilizzaw il-politiki tar-R&I tagħhom lejn sfidi li qed tiffaċċja l-Ewropa llum, partikolarment it-tranżizzjoni doppja u l-irkupru wara l-pandemija. Se jiggwida u jaġġorna wkoll id-direzzjonijiet ta' politika ġodda u jgħin biex jimmonitorja u jivvaluta l-progress li jkun sar.

Fl-istess waqt, il-Patt se jirfed l-isforzi tal-UE biex tmexxi bl-eżempju fil-livell internazzjonali u biex tippromwovi kundizzjonijiet ekwivalenti abbażi tar-reċiproċità msejsa fuq valuri fundamentali, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni².

Qed jiġi propost li l-Patt jieħu l-forma ta' inizjattiva unika mhux vinkolanti, jiġifieri, Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, bħala riflessjoni tal-ambizzjoni komuni u kondiviża li jwasslu lejn ŻER ġdida.

¹ COM(2020) 628 final tipproponi erba' oġettivi strateġiċi biex tiżgura li ŻER ġdida tkun adattata għall-isfidi li ġejjin: (i) il-prijoritizzazzjoni ta' investimenti u riformi, (ii) it-titjib tal-aċċess għall-eċċellenza, (iii) it-trasferiment tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-ekonomija, (iv) l-approfondiment taż-ŻER.

² COM(2021) 252 final.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażijiet ġuridiċi għal din l-inizjattiva huma l-Artikoli 182(5) u 292 tat-TFUE. F'konformità mal-Artikolu 292 tat-TFUE, il-Kunsill jista' jadotta rakkomandazzjonijiet u jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni fil-każijiet kollha fejn it-Trattati jipprovdu li għandu jadotta atti fuq proposta tal-Kummissjoni. F'konformità mal-Artikolu 179 tat-TFUE, l-Unjoni se jkollha l-oġġettiv li ssaħħa is-sisien xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi tistabbilixxi żona ta' riċerka Ewropea li fiha r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġiji jiċċirkolaw liberament, u li tinkoraġġixxi l-iżvilupp tal-kompetittività tagħha u tal-industrija tagħha, kif ukoll li tippromwovi l-attivitajiet kollha ta' riċerka li huma meqjusa meħtieġa.

F'konformità mal-Artikolu 181 TFUE, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jikkordinaw l-attivitajiet tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku sabiex jiżguraw li kull politika nazzjonali u dik tal-Unjoni jkunu koerenti ma' xulxin. B'bidma mill-qrib mal-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' tiegħu kull inizjattiva siewja sabiex tippromwovi din il-koordinazzjoni, b'mod partikolari inizjattivi li jimmiraw li jistabbilixxu linji gwida u indikaturi, li jorganizzaw l-iskambju tal-aħjar prattika, u li jħejju l-elementi meħtieġa għall-monitoraġġ u l-valutazzjonijiet perjodiċi. Il-Parlament Ewropew jeħtieġ li jinżamm kompletament informat.

L-Artikolu 182(5) jiftaħ il-possibilità li jikkomplementa l-attivitajiet imfassla fil-programm qafas pluriennali billi jippermetti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa biex jimplementaw iż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

L-għan taż-Żona Ewropea tar-Riċerka huwa li tinholq żona li fiha “r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġiji jiċċirkolaw liberament” (l-Artikolu 179 tat-TFUE). B'halha inizjattiva ta' governanza f'diversi livelli u li timplimenta l-approċċ ta' gvern sħiħ, filwaqt li tiżgura li l-politiki huma allinjati fil-livelli differenti ta' governanza u madwar id-dominji ta' politiki, hija f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Din tirrispetta l-kompetenza tal-Istati Membri f'dan il-qasam, filwaqt li għandha l-għan li tiżgura li l-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni taħdem f'sinerġija mill-qrib fil-livelli kollha ta' governanza (lokali, reġjonali, nazzjonali u globali) u tintroduċi inizjattivi li jipprovdu l-bieċa l-kbira tal-valur miżjud tal-UE fil-livell Ewropew marbut mar-rispons ta' politika nazzjonali u reġjonali u mibni fuqu. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika dment li l-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.

• Proporzjonalità

L-azzjonijiet proposti huma proporzjonali għall-oġġettivi fil-mira. Il-proposta tappoġġa l-kisba tal-oġġettivi taż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-għdida. Din tikkomplementa l-isforzi tal-Istati Membri fil-ħolqien ta' żona ta' riċerka bbażata fuq ir-riċerkaturi, fuq il-valuri, eċċellenti u xprunata mill-impatt. Il-proposta tirrispetta l-prattiki tal-Istati Membri u takkomoda approċċ differenzjali li jirrifletti s-sitwazzjonijiet ekonomiċi, finanzjarji u soċjali differenti tal-Istati Membri, kif ukoll id-diversità tas-sistemi tar-riċerka u l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet rispettivi. Hija tirrikonoxxi li kundizzjonijiet nazzjonali, reġjonali jew lokali differenti jistgħu jwasslu għal differenzi fil-mod kif tiġi implimentata r-rakkomandazzjoni proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Inġabru l-fehmiet ta' diversi partijiet ikkonċernati f'għadd ta' avvenimenti. B'mod partikolari, il-Forum taż-ŻER għat-Tranżizzjoni (stabbilit bħala grupp ta' espert informali tal-Kummissjoni) ipprova pariri lill-Kummissjoni, u jippermetti l-fehmiet tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati jitqiesu b'mod strutturat. Il-partijiet ikkonċernati rilevanti u l-organizzazzjonijiet umbrella ġew mistiedna biex jikkondividu l-fehmiet tagħhom (eż f'workshops fl-20 ta' April u fl-25 ta' Mejju 2021) u jitqiesu kif xieraq.

Twettqet ukoll konsultazzjoni pubblika bejn il-15 ta' April u t-13 ta' Mejju 2021 sabiex jinġabru l-fehmiet tal-pubbliku ġenerali.

Peress li din l-inizjattiva hija prevista fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni riċenti dwar “ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni,” (COM(2020) 628 final), tiddependi ħafna fuq il-ħidma analitika u l-evidenza li jappoġġaw il-Komunikazzjoni dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka ġdida (SWD(2020) 214 final).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt, peress li l-pjan direzzjonali ta' akkumpanjament jiddeskrivi li din l-inizjattiva kienet prevista fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni,” (COM(2020) 628 final). Għaldaqstant, tiddependi ħafna fuq il-ħidma analitika u l-evidenza li jappoġġaw il-Komunikazzjoni dwar Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (SWD(2020) 214 final).

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux rilevanti

5. ELEMENTI OĦRA

Mhux rilevanti

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 182(5) u l-ewwel u t-tieni sentenza tal-Artikolu 292 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar "ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni",³ li fiha tistabbilixxi viżjoni ġdida għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) u tħabbar l-intenzjoni li tippromovi Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.
- (2) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żona Ewropa tar-Riċerka ġdida, adottati fl-1 ta' Diċembru 2020⁴, jappellaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex fl-2021 jiżviluppaw aġenda ta' politika taż-ŻER u mudell ta' governanza f'diversi livelli li kapaċi jwettaq iż-ŻER il-ġdida.
- (3) Matul l-aħħar għoxrin sena, l-implimentazzjoni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka kkontribwiet għal ċertu kisbiet ewlenin f'oqsma bħall-infrastrutturi tar-riċerka, ix-xjenza miftuħa, il-kooperazzjoni internazzjonali, il-bilanċ bejn il-ġeneri fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-programmazzjoni konġunta, il-karrieri fir-riċerka u l-mobbilità tar-riċerkaturi. Madankollu, il-progress dwar l-investiment tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) reċentement waqa' lura u jeħtieġ li jsir aktar biex titreġġa' lura din it-tendenza.
- (4) Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi globali, jenħtieġ li l-kooperazzjoni internazzjonali permezz taż-ŻER tqis il-prijoritajiet tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni, jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-multilateraliżmu u l-ftuħ bi skop u jenħtieġ li tippromwovi kundizzjonijiet ekwivalenti u reċiproċità mirfuda minn valuri fundamentali u kundizzjonijiet ta' qafas komuni.
- (5) Sabiex titwettaq ŻER ġdida adattata għall-ġejjieni, jeħtieġ li nimxu minn approċċ ta' koordinazzjoni għal integrazzjoni aktar profonda bejn il-politiki nazzjonali. Għaldaqstant, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni" tappella għall-mobilizzazzjoni tal-Istati Membri madwar prinċipji u valuri ewlenin u biex jidentifikaw oqsma ta' prijetà kondiviżi għall-azzjoni. Dan huwa partikolarment rilevanti f'żmien meta huma meħtieġa finanzjament u riformi nazzjonali miżjuda u aktar iffukati sabiex iħaffu t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali u sabiex jiġu implimentati l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, f'konformità mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

³ COM(2020) 628 final.

⁴ 13567/20.

- (6) Huwa meħtieġ sett komuni ta' prinċipji u valuri sabiex jiġu affermati mill-ġdid il-pedamenti sodi għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Unjoni, filwaqt li jiġu ssottolinjati l-valuri (l-etika u l-integrità; il-libertà tar-riċerka xjentifika; l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs), l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar (ċirkolazzjoni libera tar-riċerkaturi, l-għarfien u t-teknoloġija; it-tfittxija għall-eċċellenza; il-ħolqien tal-valuri) u ż-żieda fil-kooperazzjoni (il-koordinazzjoni, il-koerenza, l-impenn; is-sensibilizzazzjoni globali; l-inklussività: ir-responsabbiltà soċjetali)
- (7) Jenħtieġ li l-oqsma ta' prijorità kondiviżi li ġew maqbula b'mod konġunt jikkostitwixxu indikazzjoni ċara lill-partijiet ikkonċernati tal-oqsma u l-azzjonijiet li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jikkunsidraw bħala prijoritajiet komuni tagħhom u fejn jimpenjaw ruħhom li jaħdmu flimkien, billi joħlqu qafas stabbli għal dawk li jfasslu l-politika, il-finanzzjuri pubbliċi, l-investituri privati u l-eżekuturi.
- (8) Sabiex jiġu prijoritizzati l-investimenti u r-riformi, jenħtieġ li l-Istati Membri jaffermaw mill-ġdid il-mira ta' investiment fir-riċerka u l-iżvilupp ta' 3 % tal-PDG tal-UE u jaġġornaw il-mira biex tirrifletti l-prijoritajiet il-ġodda tal-Unjoni, inkluża l-mira tal-isforz pubbliku ġdid ta' 1,25 % tal-PDG tal-UE li għandha tintlaħaq mill-Istati Membri sal-2030 b'mod koordinat mill-UE, biex jiġu ingranati u iċċentivati l-investimenti privati. Jenħtieġ ukoll li sal-2030 l-Istati Membri jimpenjaw b'mod volontarju 5 % tal-finanzzjament pubbliku nazzjonali għar-riċerka u l-iżvilupp għal programmi konġunti u sħubijiet Ewropej. Jenħtieġ li l-Istati Membri li għadhom lura meta mqabbla mal-medja tal-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp tal-Unjoni fuq il-PDG, jidderieġu l-isforzi ta' investiment tagħhom biex iżidu l-investiment totali tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp b'50 % fil-ħames snin li ġejjin.
- (9) It-tisħiħ taż-ŻER jeħtieġ kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri. Dan jista' jinkiseb billi tiġi stabbilita sistema ta' monitoraġġ u ta' koordinazzjoni simplifikata għal tagħlim reċiproku u djalogu bilaterali msaħħaħ.
- (10) Jenħtieġ li l-koordinazzjoni tal-Unjoni u l-investimenti u r-riformi nazzjonali jiġu żgurati sabiex jissaħħu s-sistemi ta' riċerka u innovazzjoni nazzjonali u jiżdied l-impatt tagħhom fil-livell tal-Unjoni: filwaqt li l-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni nazzjonali jmexxu l-iżvilupp tas-sistemi nazzjonali lejn l-oġettivi nazzjonali, jikkontribwixxu wkoll lejn l-oġettivi taż-ŻER u lejn il-prijoritajiet kondiviżi l-oħra tal-Unjoni f'oqsma strateġiċi ta' interess komuni.

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI:

1. VALURI U PRINĊIPJI GħAR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

- (1) Jaqblu fuq sett komuni ta' valuri u prinċipji għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Unjoni kif stabbilit hawn taħt, u japplikawhom fis-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni interni tagħhom, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati. Jenħtieġ li dawn il-valuri u l-prinċipji jiġu promossi wkoll mill-Istati Membri u l-Unjoni fl-interazzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi sabiex jintlaħqu kundizzjonijiet ekwivalenti u kundizzjonijiet ta' qafas komuni.

Żamma tal-valuri

- (a) **Etika u integrità tar-riċerka u l-innovazzjoni:** jenħtieġ li r-riċerkaturi, il-proċessi tar-riċerka u s-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni jkunu konformi

b'mod kumplessiv ma' regoli u prattiki stretti ta' etika u integrità, li huma l-pedamenti ta' riċerka responsabbli u affidabbli, ħielsa minn influwenza mhux xierqa, prerekwiżit għall-kisba tal-eċċellenza, u jirfdu r-responsabbiltà tar-riċerkaturi li jħarsu kontra l-preġudizzji u shortcuts metodoloġiċi;

- (b) **Libertà tar-riċerka xjentifika:** bħala parti minn kultura ta' riċerka li hija inerenti għaż-ŻER u kundizzjoni meħtieġa għar-riċerkaturi biex jiddefinixxu liberament il-mistoqsijiet tar-riċerka tagħhom, it-teoriji u l-metodi b'mod miftuħ u sigur u li jipproduċu, jikkondividu u jxerrdu l-għarfien, id-*data* u riżultati oħra;
- (c) **Ugwaljanza bejn il-ġeneri u opportunitajiet indaqs:** jiġi inkluż il-bilanċ bejn il-ġeneri fit-timijiet ta' riċerka fil-livelli kollha, il-bilanċ bejn il-ġeneri fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneri fil-kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni, u titqies id-diversità f'sens usa', inklużi, *inter alia*, id-diversità tal-ġeneri, etnika u soċjali, il-persuni b'diżabbiltà u l-għlieda kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi;

Naħdmu aħjar

- (d) **Ċirkolazzjoni libera:** tar-riċerkaturi u l-persunal ta' appoġġ, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija; din tinvolvi l-kondiviżjoni tal-għarfien xjentifiku, tad-*data* u tal-għodod kmieni kemm jista' jkun, partikolarment permezz ta' prattiki tax-xjenza miftuħa, ta' karrieri attraenti u bbażati fuq il-mertu, tar-rikonoxximent tal-ħiliet tar-riċerkaturi u tal-persunal tekniku, filwaqt li jiġu msaħħa l-kundizzjonijiet ta' qafas għall-mobbiltà tar-riċerkaturi u jiġu inkoraġġuti l-iskambji bejn l-akkademja u l-industrija (kif ukoll setturi oħra) u jinxterdu l-innovazzjoni u l-aċċess miftuħ għall-infrastrutturi tar-riċerka, l-infrastrutturi teknoloġiċi u s-servizzi tagħhom;
- (e) **Tfittxija għall-eċċellenza:** tfisser l-impenn li tipprogramma, twettaq jew tappoġġa r-riċerka tal-ogħla kwalità possibbli, bl-għan li tinkiseb u tiġi premjata l-eċċellenza bħala prerekwiżit għall-impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, soċjetali u ta' politika u l-espansjoni tal-bażi ta' għarfien kumplessiva tal-Ewropa. Dan jimplika li l-appoġġ pubbliku għar-riċerka u l-innovazzjoni jenħtieġ li jkollu l-għan li jagħżel u jiffinanzja ideat ta' kwalità għolja; il-kwalità timplika li r-riċerka tkun ta' klassi dinjija, tipproduċi riżultati miftuħa, verifikabbli u riproduċibbli u titwettaq permezz ta' proċessi u metodoloġiji ta' riċerka trasparenti u permezz ta' ġestjoni ta' riċerka li tippermetti l-użu sistematiku mill-ġdid ta' riżultati preċedenti. Is-sistema ta' valutazzjoni tar-riċerka, għar-riċerka, ir-riċerkaturi, it-timijiet u l-istituzzjonijiet, jenħtieġ li jkun konformi ma' dan il-prinċipju u jippremjaw il-kwalità kif xieraq; jenħtieġ li l-appoġġ pubbliku jsib il-bilanċ tajjeb bejn ir-riċerka "xprunata mill-kurżità" u dik "orjentata lejn il-missjonijiet";
- (f) **Ħolqien tal-valur:** dan ifisser iż-żieda tal-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni billi t-tmexxija tal-Ewropa tiġi trasformata mill-ħolqien tal-għarfien għal prodotti, servizzi, proċessi u soluzzjonijiet rilevanti u sostenibbli li jappoġġaw il-benessri taċ-ċittadini, il-prosperità ekonomika, l-innovazzjoni miftuħa, it-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza u l-awtonomija strateġika miftuħa; dan jinvolvi, *inter alia*, il-ħidma bejn politiki differenti, l-inkoraġġiment ta' interkonnessjoni iżjed b'saħħitha bejn atturi f'kollaborazzjoni multidixxiplinari u transettorjali u l-promozzjoni ta' riċerka bażika xprunata mir-riċerkaturi u r-

rwol tagħha fil-ġenerazzjoni ta' skoperti rivoluzzjonarji u l-iżvilupp ta' bażi wiesgħa ta' għarfien;

Naħdmu flimkien

- (g) **Koordinazzjoni, koerenza u impenn:** fejn l-Istati Membri jmexxu d-dimensjoni Ewropea lejn il-politiki nazzjonali ta' riċerka u innovazzjoni u jiżguraw il-parteċipazzjoni u l-impenn nazzjonali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-prijoritajiet taż-ŻER. L-Istati Membri, permezz tal-assistenza tal-Unjoni, jikkoordinaw il-politiki u l-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħhom f'oqsma ta' interess komuni, inkluż billi jiżguraw il-komplementarjetà mal-programmi ta' qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, biex b'hekk tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tranżnazzjonali fiż-ŻER, u l-investimenti u r-riformi diretti tar-riċerka u l-innovazzjoni lejn il-kisba taż-ŻER u biex titħaffef it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika;
- (h) **Sensibilizzazzjoni globali:** L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom f'kollaborazzjoni u attivitajiet konġunti li jkollhom benefiċċju reċiproku dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni ma' sħab minn pajjiżi terzi u reġjuni, ibbażati fuq il-valuri tal-Unjoni u l-prinċipji stabbiliti fil-Patt attwali, fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NM u strumenti internazzjonali pertinenti oħra;
- (i) **Inklussività:** Jenħtieġ li l-Istati Membri jistinkaw biex jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ taż-ŻER sabiex ikunu kompetittivi fil-livell globali; għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri u r-reġjuni bl-inqas prestazzjoni, isaħħu l-isforzi tagħhom biex iżidu l-prestazzjoni u d-daqs tas-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħhom u jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom, kemm umani kif ukoll infrastrutturali, inkluż billi jiżguraw sinerġiji bejn il-finanzjament nazzjonali tagħhom u l-finanzjament tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-isforzi jkunu appoġġati fil-livell tal-Unjoni sabiex jgħaqqdu l-eżekuturi tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-reġjuni li għandhom prestazzjoni aktar baxxa ma' networks Ewropej eċċellenti madwar l-Unjoni;
- (j) **Responsabbiltà soċjetali:** nistinkaw biex inkunu reattivi għall-ħtiġijiet tas-soċjetà sabiex jiżdiedu l-kapaċitajiet kollettivi u jinkiseb impatt soċjetali akbar u sabiex tiżdied il-fiduċja fix-xjenza u l-innovazzjoni billi jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati, il-komunitajiet lokali u ċ-ċittadini fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni u billi jiġi żgurat li l-politiki huma aġli u kapaċi jaġġustaw għal sfidi mhux mistennija.

2. OQSMA TA' PRIJORITÀ GĦAL AZZJONI KONĠUNTA

- (2) Il-qbil fuq l-oqsma ta' priyorità għal azzjoni konġunta li ġejjin b'appoġġ għaż-ŻER, li abbażi tagħhom, se jiġu mfassla u maqbula l-azzjonijiet fl-aġenda tal-politika taż-ŻER bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Jenħtieġ li dawn l-azzjonijiet jiżguraw l-allinjament mill-qrib tal-valuri maqbula b'mod komuni u jappoġġawhom kif xieraq u l-prinċipji għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Unjoni, kif imsemmija fir-rakkomandazzjoni attwali:

Approfondiment ta' suq intern li jiffunzjona għalkollox għall-għarfien

- (a) **Xjenza miftuħa:** Nappoġġaw kultura ta' xjenza miftuħa vera madwar l-Unjoni, inkluża l-integrazzjoni ta' aċċess miftuħ għal pubblikazzjonijiet

akkademiċi u *data* tar-riċerka⁵ u d-diffużjoni u l-adozzjoni ta' prinċipji u prattiki ta' xjenza miftuħa, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-differenzi dixxiplinarji u kulturali, inkluż il-multilingwiżmu, jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-ħiliet tax-xjenza miftuħa, filwaqt li jkun hemm żvilupp u integrazzjoni ulterjuri tal-infrastruttura u s-servizzi diġitali mirfuda;

- (b) **Infrastrutturi tar-riċerka:** Niżviluppaw aktar l-aċċess miftuħ għall-infrastrutturi ta' riċerka nazzjonali u Ewropea u għall-isfruttament aħjar tagħhom, inklużi l-e-infrastrutturi, il-funzjoni integrattiva tagħhom fl-ekosistema tal-ġharfien u tal-innovazzjoni u l-potenzjal tagħhom fl-iffurmar ta' sħubijiet u l-ġbir tar-riżorsi u l-konnessjoni mal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa. Dan se jgħin lix-xjenza Ewropea tikkompeti globalment, tikkontribwixxi biex jitnaqqas id-distakk bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni u trawwem l-inklużività fiż-ŻER; dan se jkun jeħtieġ, *inter alia*, it-tħaddim ta' firxa usa' ta' sorsi ta' finanzjament għal infrastrutturi ta' riċerka minn ta' quddiem fid-dinja u l-esplorazzjoni ta' modi ġodda ta' finanzjament tal-aċċess trażnazzjonali u virtwali;
- (c) **Ugwaljanza bejn il-ġeneri, opportunitajiet indaqs u l-inklużività:** Nappoġġaw il-parteċipazzjoni usa' tan-nisa fix-xjenza u l-innovazzjoni u naħdmu biex jitneħħew l-inugwaljanzi irrispettivament tal-ġeneru, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali;
- (d) **Karrieri u l-mobbiltà tar-riċerkaturi u l-valutazzjoni tar-riċerka u s-sistema ta' premjazzjoni:** Nagħtu rikonoxximent ikbar għall-karrieri tar-riċerkaturi, nagħmlu l-karrieri tagħhom aktar attraenti u nġammruhom bit-taħriġ u l-ħiliet meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet li qed jinbidlu tar-rwol ta' riċerkatur madwar l-Unjoni; il-bini fuq il-programmi strumentali u tiġi żgurata l-konsistenza magħhom, bħal Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie, dan se jinkiseb bil-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjiegi stabbli, attraenti, inklużivi, trasparenti u ta' appoġġ u billi jiġu pprovduti perkorsi ta' karrieri magħrufa sew u ċari u gwida biex jagħmlu għażliet ta' karriera infurmati sew; tingħata spinta liċ-ċirkolazzjoni bbilanċjata ta' riċerkaturi madwar l-Unjoni kif ukoll madwar is-setturi u l-amministrazzjonijiet pubbliċi; tiżdied l-attraenza lejn it-talenti minn madwar id-dinja. Jiġu żviluppati aktar is-sistemi ta' valutazzjoni tar-riċerka għar-riċerka, ir-riċerkaturi, it-timijiet u l-istituzzjonijiet, biex jiġu ppremjati l-kwalità, l-impatt, il-prattiki ta' xjenza miftuħa, it-tmexxija u l-involvement mas-soċjetà u l-kollaborazzjoni mal-industrija; tiġi kkunsidrata firxa wiesgħa ta' outputs u attivitajiet tar-riċerka u jiġu permessi perkorsi ta' karriera diversi. Jenħtieġ li s-sistemi ta' premjazzjoni jagħtu attenzjoni xierqa biex tiġi żgurata t-trasparenza, jiġu evitati l-preġudizzji, id-diskriminazzjoni u t-trattament inġust. Jenħtieġ li dan isir b'mod trasparenti permezz tal-użu ta' indikaturi adegwati;
- (e) **Valorizzazzjoni tal-ġharfien:** Jiżdiedu l-kooperazzjoni u l-interkonnessjonijiet bejn l-atturi tar-riċerka u l-innovazzjoni, inklużi dawk li bħalissa mhumiex attivi, u jiġu kkoordinati l-politiki u l-programmi fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali b'mod aħjar, partikolarment permezz ta' oqfsa għall-valorizzazzjoni

⁵ jiġifieri nimxu mal-prinċipju "kemm jista' jkun miftuħ, magħluq kemm meħtieġ"

tal-għarfien, l-addozzjoni tar-riżultati tar-riċerka, it-titjib tal-ħiliet u l-ġestjoni tal-assi intellettuali;

- (f) **Involvement globali:** Tiġi żviluppata strateġija koerenti ta' involvement globali u għodod komuni, jiġu promossi valuri Ewropej kondiviżi u prinċipji għar-riċerka u l-innovazzjoni f'termini ta' kooperazzjoni internazzjonali u l-kapitalizzazzjoni dwar l-attrazzjoni tar-riċerka Ewropea; tiġi żgurata l-awtonomija strateġika tal-Ewropa fil-qasam xjentifiku u tal-innovazzjoni, filwaqt li tinżamm ekonomija miftuħa; jiġu promossi kundizzjonijiet ekwivalenti u r-reċiproċità mirfuda minn valuri fundamentali; jiġu msaħħa s-sħubijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni u tissaħħa il-kollaborazzjoni ma' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet reġjonali.

Niffaċċjaw flimkien l-isfidi li ġġib magħha t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, u nżidu l-parteeċipazzjoni tas-soċjetà fiż-ŻER

- (g) **Azzjonijiet taż-ŻER ibbażati fuq l-isfidi:** fejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, inklużi r-reġjuni, il-bliet u l-muniċipalitajiet tagħhom, jaħdmu aktar mill-qrib flimkien sabiex jixprunaw it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki settorjali aktar reżiljenti u sostenibbli sabiex irawmu r-riċerka u l-innovazzjoni bbażati fuq soluzzjonijiet u biex jiġi mitigat theddid potenzjali; dawn l-azzjonijiet jistgħu jinkludu diversi forom kollaborattivi bħal Missjonijiet ta' Orizzont Ewropa, sħubijiet Ewropej inklużi l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni tal-EIT (EIT KICs), inizjattivi ta' programmazzjoni konġunta, l-appoġġ għal alleanzi multilaterali u oħrajn u jistgħu jiġu stabbiliti biex jiġu indirizzati sfidi ġodda u persistenti bħat-tibdil fil-klima, l-enerġija u t-tranżizzjonijiet diġitali, il-migrazzjoni, it-tniġġis mill-plastik, il-kanċer jew it-theddid tas-saħħa pubblika; jenħtieġ li dawn l-azzjonijiet jibnu fuq il-kontribuzzjoni tal-ispettru sħiħ tad-dixxiplini, billi jippermettu l-isfidi li jiġu indirizzati b'mod komprensiv; jistgħu jitgħallmu mill-esperjenzi tal-inizjattivi ta' koordinazzjoni eżistenti bħal Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET) u l-eżempju tal-inizjattiva ERAvsCorona, li wrew l-importanza tal-ingranaġġ ta' saħħa kkombinata permezz ta' koordinazzjoni mill-qrib, il-kotfassil, il-kooperazzjoni, il-kondivizzjoni tad-data u l-finanzjament konġunt bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati sabiex isir avvanz malajr fi tweġiba għal għan komuni;
- (h) **Sinerġiji bejn il-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u l-Aġenda tal-UE dwar il-Ħiliet:** Ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-edukazzjoni (għolja) huma l-ixprunaturi ewlenin tal-innovazzjoni, il-ħolqien tal-għarfien, tad-diffużjoni u tal-użu. Huma meħtieġa azzjonijiet sabiex jiġu żviluppati u sfruttati s-sinerġiji bejn iż-ŻER u ż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA), partikolarment permezz ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u infrastrutturi tar-riċerka, inklużi l-e-infrastrutturi, kif ukoll l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni tal-EIT (EIT KICs) tagħhom; sabiex jiġu pprovduti l-gwida u l-appoġġ mal-partijiet ikkonċernati rilevanti għat-tranżizzjoni tas-sistema ta' edukazzjoni għolja lejn kooperazzjoni, inklużjoni, eċċellenza u diġitalizzazzjoni aktar għolja, *inter alia*, billi jiġi appoġġat l-iżvilupp ulterjuri tal-inizjattiva "Università Ewropea" bħala prova għal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja aktar moderni, inklużivi u orjentati lejn il-futur fl-Unjoni; u sabiex jiġu żviluppati u implimentati inizjattivi biex jiġu mgħammra riċerkaturi

bil-ħiliet kollha meħtieġa mis-suq tax-xogħol u għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet permezz ta' taħriġ immirat;

- (i) Sinerġiji bejn il-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-politika industrijali, sabiex tingħata spinta lill-ekosistemi tal-innovazzjoni: Ir-riċerka u l-innovazzjoni u industrija aġli huma żewġ xprunaturi ewlenin tal-kompetittività u tal-awtonomija strateġika miftuħa. Għaldaqstant, huma meħtieġa azzjonijiet biex jiġu żviluppati u sfruttati s-sinerġiji bejn iż-ŻER u l-istrateġija industrijali aġġornata⁶, partikolarment permezz tal-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs), sħubijiet ta' Orizzont Ewropa inklużi l-EIT KICs, l-Alleanzi Industrijali u pjanijiet direzzjonali komuni għat-teknoloġija industrijali (minn riċerka bażika għall-implimentazzjoni) f'oqsma strateġiċi ewlenin; jenħtieġ li dawn l-azzjonijiet jiġu kożviluppati mal-Istati Membri, mal-industrija (inklużi l-SMEs) u ma' partijiet ikkonċernati tar-riċerka u l-innovazzjoni oħrajn u jenħtieġ li tingħata prijorità lill-oqsma speċifiċi tat-teknoloġija biex jgħinu l-allinjament bejn l-investimenti pubbliċi u privati;
- (j) **Ċittadini aktar attivi u involviment soċjetali fir-riċerka u l-innovazzjoni fid-dimensjonijiet tagħhom kollha:** pereżempju l-kontribuzzjoni u l-kapaċità li jkun hemm benefiċċju mill-fehmiet u l-involviment taċ-ċittadini, se jqajmu sensibilizzazzjoni tal-benefiċċji u tal-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-ħajja ta' kuljum tan-nies, tiġi żgurata diversità akbar tal-approċċi għat-tfassil u għall-implimentazzjoni tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni u r-R&I ssir iżjed rilevanti għas-soċjetà, partikolarment issir iżjed aċċettabbli għaċ-ċittadini u s-soluzzjonijiet ġodda jsiru iżjed affordabbli;

Amplifikazzjoni tal-aċċess għall-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni

- (k) **Iktar investimenti u riformi f'pajjiżi u reġjuni b'inqas prestazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni:** dan ifisser il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament nazzjonali u tal-Unjoni għall-investiment tar-riċerka u l-innovazzjoni, flimkien mal-appoġġ u l-assistenza biex ikun hemm involviment fir-riformi tar-riċerka u l-innovazzjoni neċessarji;
- (l) **Sinerġiji bejn programmi ta' finanzjament tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali:** sinerġiji bejn il-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni u skemi ta' finanzjament nazzjonali u reġjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni, jenħtieġ li jiġu mħeġġa u msaħħa, partikolarment bejn Orizzont Ewropa, il-politika ta' koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;
- (m) Konnessjonijiet kollaborattivi u integrazzjoni bbażata fuq l-eċċellenza ta' organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka minn pajjiżi bi prestazzjoni aktar baxxa tar-riċerka u l-innovazzjoni fin-networks xjentifiċi u ekosistemi tal-innovazzjoni Ewropej;

Avvanz fl-investimenti u r-riformi miftiehma tar-riċerka u l-innovazzjoni

- (n) Appoġġ biex jiġu prijoritizzati u żgurati l-investimenti u r-riformi ta' politika fir-riċerka u l-innovazzjoni ta' terminu twil: fil-livelli kollha ta' governanza (tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali), inklużi l-ambjenti ta' esperimentazzjoni

⁶ Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa (COM2021)350 final).

regolatorja u l-klawżoli ta' esperimentazzjoni; jenħtieġ li t-tfassil, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni jmorru id f'id sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji u l-impatt;

- (o) **Koordinazzjoni tal-investimenti tar-riċerka u l-innovazzjoni:** billi jiġu appoġġati l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-potenzjal għall-investimenti u r-riformi koordinati sabiex tissaħħaħ id-dimensjoni taż-ŻER madwar il-livelli ta' governanza kollha fl-Unjoni u sabiex jiġi massimizzat l-impatt tiegħu għall-benefiċċju tas-sistemi tax-xjenza u tal-innovazzjoni tal-Unjoni.

3. PRIJORITIZZAZZJONI TAL-INVESTIMENTI U R-RIFORMI

- (3) Il-prijoritizzazzjoni tal-investimenti u r-riformi li jindirizzaw il-prijoritajiet taż-ŻER u jipprovdu l-kundizzjonijiet u l-appoġġ neċessarji għal investiment privat aktar b'saħħtu tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali billi jiġu stabbiliti miri tal-Unjoni u nazzjonali realistiċi, iżda ambizzjużi għall-investiment tar-riċerka u l-iżvilupp:
 - (a) Ir-riċerka pubblika u n-nefqa tal-iżvilupp u l-investimenti privati tar-riċerka u l-investimenti jirrikjedu politika u qafas regolatorju adegwati biex jiġu massimizzati l-effettività u l-effiċjenza u jiġi żgurat impatt ekonomiku u soċjali; min-naħa l-oħra, ir-riforma tal-qafas ta' politika tar-riċerka u l-innovazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' aġenda trasformattiva jirrikjedu l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi xierqa (pereżempju l-finanzjament, ir-riżorsi umani, il-ħiliet u postijiet tar-riċerka) sabiex jixprunaw il-bidla u jitjiebu l-prestazzjoni u l-output tas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni;
 - (b) Il-miri tal-investiment tar-riċerka u l-iżvilupp mhux biss jagħtu spinta lir-rata kumplessiva ta' żieda fin-nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp iżda jirriflettu wkoll fuq objettivi aktar kwalitattivi, f'termini xjentifiċi, teknoloġiċi, soċjetali jew orjentazzjonijiet industrijali; dan japplika partikolarment għan-nefqa fir-riċerka u l-iżvilupp pubbliku li tappoġġa l-prijoritajiet taż-ŻER, inklużi r-riformi tas-sistemi ta' riċerka u innovazzjoni nazzjonali, ekonomija sostenibbli u kompetittiva u t-tranżizzjonijiet doppji;
- (4) Tiġi kkonfermata l-intenzjoni tagħhom sabiex jogħla l-investiment fil-livell tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp bil-mod li ġej:
 - (a) Tiżdied in-nefqa totali dwar ir-riċerka u l-iżvilupp għal 3 % tal-PDG tal-UE ("mira ta' 3 %");
 - (b) Jiżdied l-isforz pubbliku totali dwar ir-riċerka u l-iżvilupp għal 1,25 % tal-PDG tal-UE sal-2030;
 - (c) Jiżdied is-sehem tar-riċerka pubblika nazzjonali u n-nefqa tal-iżvilupp impenjata għal programmi konġunti, l-infrastrutturi tar-riċerka u s-Sħubijiet Ewropej għal 5 % tal-finanzjament pubbliku nazzjonali tar-R&D sal-2030;
 - (d) Żieda ta' 50 % fin-nefqa totali tar-riċerka u l-iżvilupp fil-ħames snin li ġejjin għall-Istati Membri li qed jaqgħu lura meta mqabbla man-nefqa medja tal-UE fuq ir-riċerka u l-iżvilupp, bħala persentaġġ tal-PDG.
- (5) Jiġu stabbiliti fuq bażi volontarja, miri ta' investiment nazzjonali:

- (a) għall-isforz pubbliku maħsub fir-riċerka u l-iżvilupp espress bħala persentaġġ tal-PDG;
- (b) għall-persentaġġ tan-nefqa tar-riċerka u l-iżvilupp pubbliku nazzjonali impenjati għal programmi konġunti, l-infrastrutturi tar-riċerka u s-Sħubijiet Ewropej;
- (c) għaż-żieda mistennija fin-nefqa totali tar-riċerka u l-iżvilupp, għal daww l-Istati Membri li qed jaqgħu lura meta mqabbla man-nefqa medja tal-UE fuq ir-riċerka u l-iżvilupp, bħala perċentwal tal-PDG.

4. KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI

- (6) Jiġi implimentat mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' koordinazzjoni msaħħaħ, biex jiġi żgurat il-progress lejn il-prijoritajiet taż-ŻER. Dan jeħtieġ dan li ġej:
 - (a) Koordinazzjoni u appoġġ fil-livell tal-Unjoni, mill-istadji tal-ippjanar strateġiku u t-tfassil għall-istadji tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ, permezz ta' firxa ta' għodod u ta' proċessi aktar sempliċi u ta' inqas piż:
 - **Aġenda ta' politika komuni taż-ŻER**, li tistabbilixxi l-azzjonijiet taż-ŻER maqbula b'mod konġunt, li għandha tiġi implimentata b'mod koordinat, b'appoġġ tal-prinċipji komuni għar-riċerka u l-innovazzjoni u l-prijoritajiet taż-ŻER stabbiliti f'dan il-Patt. Jenħtieġ li l-aġenda ta' politika taż-ŻER tkun ċara u azzjonabbli, tiddefinixxi u tiddekrivi kull azzjoni bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tagħha (fil-livell tal-Unjoni u/jew nazzjonali);
 - **Pjattaforma online apposta tal-politika taż-ŻER** għar-rappurtar dwar (i) l-implimentazzjoni tal-aġenda ta' politika taż-ŻER (fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali) u dwar (ii) investimenti, riformi u attivitajiet oħra li jappoġġaw il-prinċipji u l-oqsma prijoritarji taż-ŻER stabbiliti f'dan il-Patt;
 - **Tabella ta' valutazzjoni taż-ŻER**, li timmonitorja l-progress lejn l-oġettivi taż-ŻER fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, permezz ta' taħlita ta' indikaturi u analiżi kwalitattivi relatati mal-prijoritajiet taż-ŻER. Jenħtieġ li t-tabella ta' valutazzjoni taż-ŻER tkun aġġornata regolament;
 - Isiru **djalogi regolari ta' politika bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni** fil-Forum taż-ŻER għat-Tranżizzjoni, kemm bilateralment, kif ukoll multilateralment, biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-aġenda ta' politika taż-ŻER, partikolarment permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u eżerċizzji ta' taġħlim reċiproku, Il-Kummissjoni se ttiprovdi aktar appoġġ permezz tal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki ta' Orizzont (PSF) u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI).
 - (b) Ftehim konġunt tal-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar aġenda ta' politika komuni taż-ŻER, informat mit-tabella ta' valutazzjoni taż-ŻER u l-parir strateġiku previst mill-Kumitat Konsultattiv Ewropew għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (ERAC), u wara l-involvement xieraq tal-partijiet ikkonċernati. Il-Forum taż-ŻER għat-Tranżizzjoni jipprepara l-abbozz tal-aġenda ta' politika taż-ŻER.
 - (c) Wara l-ftehim dwar l-aġenda tal-politika taż-ŻER, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkondividu l-informazzjoni dwar il-politiki u l-programmi tagħhom li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-aġenda ta' politika taż-ŻER, u b'mod usa' jikkontribwixxu għall-prinċipji u l-prijoritajiet stabbiliti

b'dan il-Patt. Dan jinkludi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-politiki u l-programmi attwali u l-ippjanar ta' dawk futuri, u huma kondiviżi permezz ta' pjattaforma online tal-politika taż-ŻER.

- (d) Il-Kummissjoni tagħmel eżami mill-ġdid tal-implimentazzjoni tal-aġenda ta' politika taż-ŻER fil-livell nazzjonali u tippubblika rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-implimentazzjoni taż-ŻER, inklużi rapporti individwali dwar il-progress ta' kull Stat Membru. Dan se jipprovdi bażi għall-involviment fi djalogi regolari ta' politika bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President